# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 4 ta' Dicembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 189/2024CL

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601)**

**VERSUS**

**Plamen Angelov Peynov (KI nru 0027246A)**

Ra t-talba li gietipprezentat fil-5 ta' Lulju 2024 fejn is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' elf u tmien mitt euro (€1800), bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja, datat 30 ta' Jannar 2024, l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2024 skont l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorja prezentat kontestwalment ma' din it-talba. Talbet ukoll l-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mit-28 ta' Lulju 2023 sad-data tal-pagament effettiv. Dan l-ammont huwa dovut wara li s-socjeta attrici u l-konvenut kienu dahlu fi ftehiem fit -28 ta' Marzu 2023 immarkat Dok A[1], fejn il-konvenut kien obbliga ruhu li jirrifondi lis-socjeta attrici s-somma ta' €2100, liema somma thalset lit-terzi mis-socjeta attrici, in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Dicembru 2022. Il-konvenut hallas l-ammont ta' €300 akkont fejn l-ahhar pagament sar f'Gunju 2020 u ghalhekk kien baqa' bilanc ta' €1800.

Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2024, minkejja li l-konvenut kien gie nnotifikat ma ressqax risposta entro termine u ghalhekk kien fi stat ta' kontumacja. Is-socjeta attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvnut u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni.

Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-konvenut msejjah tlett darbiet ghas-subizzjoni baqa'ma deherx. Xehdet Christina Azzopardi, li

---

[1] Foll 4

ikkonfermat il-ftehiem iffirmat bejn is-socjeta attrici u l-konvenut, li jinsab a foll. 4 u 5 tal-process, datat 28 ta' Marzu 2023 fejn il-konvenut kellu jhallas lil Atlas is-somma ta' €2100 u hallas biss €300 u ma sar ebda hlas iehor. Huma kienu bghatu zewg ittri l-konvenut izda baqa' qatt ma wiegeb. Ipprezentat kopja tal-ittra ufficjali Dok CA1[2] u kopja tal-ittra legali Dok CA2[3].

**Ikkonsidra;**

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati, ra li giet ipprezentata kapitolu fil-kofront tal-konvenut. Ra l-Artikoli 9(2) (a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jippovdi illi:

*"Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."*

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi,

*"Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."*

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti. It-Tribunal ra' d-dokumenti u sema' x-xhieda ta' Christina Azzopardi, ra li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas is-somma ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) bl-imghax legali mit-28 ta' Lulju 2023, sad-data tal-hlas effettiv u finali.

---

[2] Foll. 21 et seq
[3] Foll. 28

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, kif ukoll dawk taz-zewg ittri interpellatorja ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**